IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 30**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**0.01 Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa item nru 7 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju. Il-Kunsill qabel.**

**7.00 *Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)**

7.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Lulju – Settembru 2014. *Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)

Il-Kunsill innota li għal dan il-kwart kien hemm indikatur negattiv ta' -4.97% filwaqt li l-indikatur annwali kien 12.68%. Ġie nnotat ukoll li nqabeż il-*budget* fin-nefqiet relatati ma' *Public Property, Office Services, Hire of Transport, Lease of Equipment, Refuse Collection, Road Street Cleaning, Cleaning of Non Urban* u *Cleaning of Parks & Gardens.*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.18 ta' filgħaxija.

7.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

7.03 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 28**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G28 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 28

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 28** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 28

2.01 Ma hemm l-ebda punti li joħorġu mill-minuti G28.

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 29**

3.01 Il-minuti tas-seduta numru G29 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 29

**4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 29**

4.01 13.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo staqsa lis-Sindku jekk il-laqgħa mal-għaqdiet Rabtin kinitx saret. Is-Sindku wieġeb li kienet għadha ma saritx. — Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ntbagħtet ittra lill-għaqdiet sabiex tingħabar informazzjoni dwar it-toroq li fihom isir l-armar. Dan sabiex il-Kunsill ikollu tali informazzjoni fl-arkivji tiegħu.

4.02 13.12 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li l-*Business Community* kienu qegħdin juru interess kbir li jingħaqdu sabiex isir dan il-*Park and Ride*. Hu qal li l-ħsieb tagħhom huwa li joħolqu *Assoċjazzjoni tal-Business Community*. — *Park and Ride fil-weekends*

4.03 13.15 Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn il-*bring-in-sites* jitneħħew b'mod temporanju u sas-seduta li jmiss tiġi evalwata l-ħtieġa tagħhom jew mod ieħor. — Bring-in-sites fi Triq it-Tabija

Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li dawn il-*bring-in-sites* jitneħħew totalment. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Wara li ma kienx hemm qbil

unanimu ttieħed vot. Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur u tlieta kontra u astensjoni waħda. Wara talba għal *division* tal-vot irriżulta li l-voti favur kienu tal-Kunsillier Rudolf Grima, il-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsillier Ian Borg u l-Kunsillier Nazju Cassar, il-voti kontra kienu tas-Sindku Charles Azzopardi, il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Andrew Mallia, u l-astensjoni kienet tal-Viċi Sindku Doris Coleiro.

4.04 13.16 Il-Kunsillier Rudolf Grima staqsa lis-Sindku jekk il-punti tiegħu kinux ġew indirizzati. Il-Kunsillier Rudolf Grima reġa' saħaq dwar il-periklu li hemm jekk il-*gutter* jitħalla miftuħ speċjalment meta l-monti jerġa' jmur lura fi Triq Santa Rita.

Ilmenti dwar il-ħajt u l-*gutter* ta' Triq Santa Rita

Is-Sindku wieġeb li kien ser jieħu parir mingħand il-*Health & Safety Officer* dwar dan il-*gutter* u jgħaddi l-informazzjoni fis-seduta li jmiss.

## 5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

5.01 Is-Sindku reġa' ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/1534/14,** riċevuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar toroq li l-Kunsill għandu ppjanat li jagħmel fis-sena 2015 u 2016.

Lista ta' toroq mitluba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Wara li l-Kunsill iddiskuta l-istimi ta' wħud mit-toroq li kien għamel il-Kunsill preċedenti, kien hemm qbil li ssir biss Triq San Bastjan minħabba l-qagħda finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill.

## 6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 240 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 240

## 8.00 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Mejju u Ottubru 2014. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech naqsu milli jattendu l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Attendenza tal-Kunsillieri

Fuq mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Rudolf Grima u ssekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Viċi Sindku Doris Coleiro u tal-Kunsillier Grech ma jkunx vakat.

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-provvediment ta' servizzi ta' *accountant* (RLC/T/140/14)

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Grant Thornton | €11,500 1st year with an increase of 6% *per annum* |
| 2 | Paul Bugeja | €6,372 *per annum* |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Paul Bugeja peress li din kienet l-unika offerta li laħqet il-kriterji kollha mitluba, kif ukoll kienet l-irħas offerta. Il-kumpanija *Grant Thornton* ġiet skwalifikata minħabba li ma pprovdietx *bid bond* kif mitlub.

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-provvista ta' tindif ta' *culverts* (RLC/T/141/14).

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | W.M. Environmental Ltd | €3,900 *per annum* |
| 2 | Philip Seguna | €8,900 *per annum* |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent W.M. Environmental Ltd peress li hi l-irħas offerta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 9 tal-aġenda.**

**9.00 Għażla tal-offerta għal servizz ta' *accountant* – RLC/T/140/14**

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-provvediment ta' servizz ta' *accountant*, lill-offerent Paul Bugeja peress li din kienet l-unika offerta li laħqet il-kriterji kollha mitluba, kif ukoll kienet l-irħas offerta. Issekondat din il-mozzjoni l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għal servizz ta' *accountant* – RLC/T/140/14

**10.00 Għażla tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* – RLC/T/141/14**

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-provvediment ta' servizzi għat-tindif u manutenzjoni ta'

Għażla tal-offerta għat-tindif u

*culverts*, lill-offerent W.M. Environmental peress li din hi l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

manutenzjoni ta' *culverts* – RLC/T/141/14

**11.00 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' Koordinatur ta' Proġett u Konsulent Tekniku (Perit) għall-proġett "Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat" – RLC/T/132/13**

11.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/132/12 għal servizz ta' Koordinatur ta' Proġett u Konsulent Tekniku (Perit) għall-proġett "Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat" u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda sat-tmiem tal-proġett. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' Koordinatur ta' Proġett u Konsulent Tekniku (Perit) għall-proġett "Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat" – RLC/T/132/13

**12.00 Tiġdid tal-offerta għat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* - RLC/T/133/13**

12.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/133/13 għal servizz ta' tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* - RLC/T/133/13

**13.00 Korrispondenza**

13.01 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, korrispondenza mibgħuta mill-kuntrattur W.M. Environmental fejn qiegħed jikkontesta d-*default notices* maħruġa lilu dwar il-kuntratti bir-referenza RLC/T/122/13 u RLC/T/133/13.

*Default notices* maħruġa lill-kuntrattur W.M. Environmental

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li d-*default notices* kollha maħruġa lill-kuntrattur W.M. Environmental jiġu kkanċellati. Huwa ssuġġerixxa li l-kuntrattur jintalab sabiex jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex miegħu jiġi diskuss xi nuqqasijiet li jista' jkun hemm. Huwa kompla billi qal li jekk il-kuntrattur jonqos milli jattendi għal din il-laqgħa d-*default notices* jibqgħu applikabbli. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Wara li ma kienx hemm qbil unanimu ttieħed vot. Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur u erba' astensjonijiet.

13.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li d-Direttorat tal-Infrastruttura tat-Toroq issottometta applikazzjoni sabiex iwettaq xogħol ta' asfaltar fuq numru ta' toroq, fosthom:

Xogħol infrastrutturali mid-Direttorat tal-Infrastruttura tat-Toroq

- Misraħ Suffara limiti tar-Rabat
- Triq Għeriexem
- Triq Santa Katerina
- Sqaq fi Triq Santa Katerina
- Triq Ħad-Dingli
- Ħofriet ir-Rizz limiti tar-Rabat

- Wied Ħażrun
- Wied il-Qlejja
- Raba Nemel limiti tar-Rabat
- Id-Dwejra limiti tar-Rabat
- Binġemma limiti tar-Rabat
- Wied tal-Isqof
- Triq tal-Lawrenti
- Wied Rini l-Baħrija
- Triq tan-Namura l-Baħrija
- Blata tal-Melħ il-Baħrija
- Ġnien tan-Nigra il-Baħrija

Huwa kompla billi informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma applikat sabiex isir *main* tad-drenaġġ fi Triq tal-Marġa, Triq il-Ġnien tan-Nigra u Triq is-Sajf ta' San Martin l-Baħrija. *Main* tad-drenaġġ

13.03 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1596/14 is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għall-adulti bl-isem 'LEARNIT', għall-prezz ta' €1100. Korsijiet tal-kompjuter

Is-Sindku ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lill-komunità Rabtija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1725/14** is-Sindku informa l-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. Installazzjoni ta' bozza

13.05 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Kenneth Tanti għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. Ħsara fuq *tyre* ta' vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

13.06 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-istima ta' €350 tal-Franġiskani Konventwali sabiex jarmaw it-Triq ta' San Franġisk u Triq l-Isptar għal żmien il-Milied. Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

Is-Sindku ppropona li it-tizjin ta' Triq ta' San Franġisk u Triq l-Isptar issir mill-Franġiskani Konventwali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima.

13.07 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, korrispondenza mill-ANSEK dwar Konferenza Biennali ta' Udite li ser issir f'Antwerp il-Belgium. Fuq proposta tal-Kunsillier Nazju Cassar u ssekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ispejjes relatati. Konferenza Biennali ta' Udite

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill għal din l-opportunità u infurmat li minħabba impenji tax-xogħol għad trid tikkonsidra tali parteċipazzjoni.

**14.00 Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015**

14.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014- 2015. — Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014 - 2015

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal din l-iskema. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel li jinħatar bord sabiex jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attività. Il-Bord ġie ffurmat kif ġej:

Is-Sindku Charles Azzopardi
Il-Kunsillier Rudolf Grima
Il-Kunsillier Ian Vassallo

**15.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B04**

15.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija B04 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Baħrija B04

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fl-9.40 ta' filgħaxija.

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B04**

16.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù B04 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtù B04

**17.00 Materji Oħra**

17.01 Is-Sindku ppropona li din is-sena l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Membri taż-żewġ Kumitatati Amministrattivi u għall-amministrazzjoni tal-Kunsill issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ikla tal-Milied

17.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppreżenta proposta u stima għall-attività tal-Milied għat-tfal. Huwa ppropona li din l-attività ssir nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru mis-6.30 ta' filgħaxija 'l quddiem. L-istima għal din l-attività hija ta' €400. Huwa qal li l-*Father Christmas* ser ikun qed idur bil-ferrovija u ser jieqaf f'diversi postijiet prinċipali fil-lokalità, fejn flimkien miegħu ser ikun hemm kor ta' tfal li ser ikunu qed ikantaw il-*Christmas Carols*. Din l-attività ser issir b'risq il-Community Chest Fund. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament. — Attività tal-Milied għat-tfal

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fl-9.55 ta' filgħaxija.

17.03 Is-Sindku ppropona li jingħataw 7 jardi konkos fil-limiti tal-Lunzjata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel. — Konkos fil-limiti tal-Lunzjata

17.04 Il-Kunsillier Rudolf Grima staqsa lis-Sindku jekk ir-*resurfacing* li qed issir tal-*cul-* — Resurfacing tal-cul-

*de-sac* ta' ħdejn l-entratura tal-*polyclinic*, hux inkluż fl-applikazzjoni tal-Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald. de-sac

Is-Sindku wieġeb li dawn ix-xogħlijiet huma parti mill-Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald.

**18.00 Data tas-seduta li jmiss**

18.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

18.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ..it-Tlieta.. ..16.. ta'..Diċembru.. 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**